

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.4.2010
KUMM(2010)156 finali

2010/0086 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modifika tal-Artikolu 15, paragrafu 7, tal-Protokoll nru 6 ta' dak il-Ftehim fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u tal-modi tal-koperazzjoni amministrattiva

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-projbizzjoni tal-għoti lura tad-dazji tad-dwana hija stipulata fl-Artikolu 15 tal-Protokoll nru 6 anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Alġerija. Il-paragrafu 7 tiegħu jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni marbut mal-applikazzjoni sħiħa tal-projbizzjoni tal-għoti lura tad-dazji mill-Alġerija u jagħti lil dan il-pajjiż imsieħeb il-possibiltà tal-għoti lura tad-dazji lill-esportaturi jew l-operaturi ekonomiċi tiegħu matul dan il-perjodu.

Dan il-perjodu ta' tranżizzjoni skada fit-31 ta' Diċembru 2009. Madankollu, l-Artikolu 15, paragrafu 7, jipprevedi l-possibiltà li din id-dispożizzjoni tiġi rrivalutata bi qbil komuni.

L-Alġerija talbet, b'domanda miktuba, l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni dwar l-għoti lura u r-reviżjoni tar-rata ta' taxxa doganali.

F'konformità mal-Artikolu 39 tal-Protokoll nru 6, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll jistgħu jiġu mmodifikati b'deċizzjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

It-test tad-deċizzjoni se jiehu post id-dispożizzjoni fl-Artikolu 15, il-paragrafu 7.

Hija tikkonsisti, parzjalment, fil-modifika tat-tul tal-perjodu tal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni dwar l-għoti lura, kif ukoll fir-reviżjoni tar-rata ta' taxxa doganali li tinżamm.

Il-partijiet qablu li jtawlu bi tliet snin l-applikazzjoni tal-Artikolu 15, il-paragrafu 7, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010 sabiex jassiguraw iċ-ċarezza, il-prevedibbiltà ekonomika fit-tul u s-sigurtà ġuridika għall-operaturi ekonomiċi.

Minbarra dan, il-partijiet iddeċidew li jaġġustaw ir-rata ta' taxxa doganali li bħalissa huma applikabbli fl-Alġerija sabiex dawn jiġu allineati ma' daww fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea.

Sakemm tiġi adottata formalment id-Deċiżjoni preżenti, intlaħaq qbil permezz ta' skambju ta' korrispondenza bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija, li l-kontenut ta' din id-Deċiżjoni jiġi applikat sa mill-1 ta' Jannar 2010.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U STIMA TAL-IMPATT

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati fil-qafas tal-grupp ta' ħidma Pan-Ewro-Med tal-Kumitat tal-kodiċi tad-dwana – taqsima tal-orijini.

Rikors għal esperti esterni ma kienx meħtieġ.

Ma kienx meħtieġ li ssir analiżi tal-impatt għaliex l-adattamenti proposti huma ta' natura teknika u ma jolqtux is-sustanza tal-protokoll dwar ir-regoli tal-orijini li jinsabu fis-seħħ bħalissa.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Fid-dawl tan-natura tal-bidliet li saru għall-Artikolu 15, il-paragrafu 7, tal-Protokoll nru 6 u minħabba raġunijiet ta' sigurtà ġuridika, il-paragrafu kollu kemm hu għandu jiġi sostitwit.

Id-dispożizzjoni mmodifikata dwar l-għoti lura għandha tapplika retroattivament sa mill-1 ta' Jannar 2010.

Il-bażi ġuridika tal-modifika ta' din id-dispożizzjoni hija l-Artikolu 207, il-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218, il-paragrafu 9, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Strument propost: Deċiżjoni tal-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta preżenti m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-Unjoni.

5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

Mhi prevista l-ebda klawżola ta' rivalutazzjoni, ta' reviżjoni, jew ta' estinzjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modifika tal-Artikolu 15, paragrafu 7, tal-Protokoll nru 6 ta' dak il-Ftehim fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u tal-modi tal-koperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-protokoll nru 6¹ tal-ftehim Ewro-Mediterranju bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, fuq in-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", hekk kif modifikat bid-Deċizzjoni nru 2/2007 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija tas-16 ta' Ottubru 2007², jirrigwarda d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-modi tal-koperazzjoni amministrattiva.
- (2) L-Artikolu 15 tal-Protokoll nru 6 fih projbizzjoni ġenerali tal-ġhoti lura tad-dazji tad-dwana jew l-eżenzjoni minnhom għall-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni ta' prodotti oriġinarji. Madankollu, dan l-Artikolu jipprevedi fil-Paragrafu 7 tiegħu li l-ġhoti lura jew l-eżenzjoni jistgħu jiġu applikati sal-31 ta' Diċembru 2009 taħt ċerti kundizzjonijiet.
- (3) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza, il-prevedibbiltà ekonomika fit-tul u s-sigurtà ġuridika għall-operaturi ekonomiċi, il-partijiet qablu li jtawlu bi tliet snin l-applikazzjoni tal-Artikolu 15, il-paragrafu 7, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.
- (4) Minbarra dan, il-partijiet iddeċidew li jaġġustaw ir-rati ta' taxxa doganali li bħalissa huma applikabbli fl-Alġerija sabiex dawn jiġu allineati ma' daww fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 39 tal-Protokoll nru 6, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim għandu jiddeċiedi li jimmodifika l-Protokoll b'konsegwenza ta' dan.

¹ ĠU L 265, tal-10.10.2005, p. 2

² ĠU L 297, tal-15.11.2007, p. 1

- (6) L-Unjoni Ewropea għandha b'konsegwenza ta' dan tadotta fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni l-pożizzjoni definita fl-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li l-Unjoni Ewropea se tadotta fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modifika tal-Artikolu 15, paragrafu 7, tal-Protokoll nru 6 ta' dak il-Ftehim fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u tal-modi tal-koperazzjoni amministrattiva għall-finijiet tal-estensjoni tal-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni, hija ddefinita fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni hija ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

Abbozz tad-

DEĊIŻJONI Nru [...] TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ALĠERIJA

ta' [...]

li timmodifika l-Artikolu 15, il-Paragrafu 7, tal-Protokoll nru 6 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, fuq in-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-modi tal-koperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, fuq in-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tal-Protokoll 6 tiegħu;

Billi:

- (1) L-Artikolu 15, il-Paragrafu 7, tal-Protokoll nru 6 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, fuq in-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-ġħoti lura ta', jew l-eżenzjoni minn, id-dazji tad-dwana jew it-taxxi b'effett ekwivalenti sal-31 ta' Diċembru 2009.
- (2) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza, il-prevedibbiltà ekonomika fit-tul u s-sigurtà ġuridika għall-operaturi ekonomiċi, il-partijiet qablu li jtawlu bi tliet snin l-applikazzjoni tal-Artikolu 15, il-paragrafu 7, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.
- (3) Minbarra dan, il-partijiet iddeċidew li jaġġustaw ir-rati ta' taxxa doganali li bħalissa huma applikabbli fl-Alġerija sabiex dawn jiġu allineati ma' daww fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea.
- (4) Il-Protokoll nru 6 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi mmodifikat skont dan.
- (5) Billi l-Artikolu 15, il-Paragrafu 7, mhux se jibqa' japplika wara l-31 ta' Diċembru 2009, id-Deċiżjoni preżenti għandha tibda tapplika sa mill-1 ta' Jannar 2010,

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

L-Artikolu 15, il-Paragrafu 7, tal-Protokoll nru 6 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, fuq in-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-

kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u dwar il-modi tal-koperazzjoni amministrattiva, huwa sostitwit bit-test segwenti:

"7. Minkejja l-paragrafu 1, l-Alġerija tista', ħlief għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, tapplika arranġamenti għal rifiżjoni ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali jew ħlasijiet li għandhom effett ekwivalenti, applikabbli għal materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' prodotti oriġinarji, suġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) għandha tinżamm rata ta' 4% ta' ħlas doganali fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 25 sa 49 u 64 sa 97 tas-Sistema Armonizzata, jew kwalunkwe rata aktar baxxa li tkun fis-seħħ fl-Alġerija.
- (b) rata ta' 8% tat-taxxi doganali għandha tinżamm fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, jew rata aktar baxxa li tkun fis-seħħ fl-Alġerija.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2012 u jistgħu jiġu riveduti bi qbil komuni."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
Il-President*